MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 223/2007/1

**Pauline Muscat f'isimha proprio u f'isem uliedha l-minuri A.B. u C.D.**

**v.**

**Louis Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Pauline Muscat, minnha pprezentat fit-23 ta' Mejju 2007, li jaqra hekk:

"Illi l-kontendenti żżewġu fil-ħmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin (1988) (Dok. A).

"Illi miż-żwieġ tagħhom twieldu żewġt ulied, u ċioe` A.B. ta' sbatax-il sena u C.D. ta' ħmistax-il sena, it-tnejn minuri (Dok. B) u (Dok. C).

"Illi l-ħajja konjugali tal-kontendenti saret impossibli minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi, u nġurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attriċi, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment kif ser jirriżulta fil-kors tal-kawża.

"Illi *inoltre*, il-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minħabba inkompatibbilta` ta' karattru.

"Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx u dan kif jirriżulta mill-anness dokument markat Dok. D.

"Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi Muscat minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi, u nġurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attriċi, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, *oltre* dan, minħabba illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minħabba inkompatibbilta` ta' karattru u tawtorizża lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut.

"2. Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi u liż-żewġ minuri A.B. u C.D. manteniment adegwat li jogħġobha tiffissa din il-Qorti skond il-bżonnijiet ta' l-istess attriċi u ż-żewġ ulied u l-meżżi tal-konvenut, bil-modalita` ta' ħin, lok u ġurnata ta' pagament li tiġi wkoll stabbilita, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-awment fl-għoli tal-ħajja u għat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu ieħor tal-konvenut.

"3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta fis-sħiħ jew parzjalment b'dan illi jekk ikun

il-każ, il-konvenut jitlef kull jedd li għandu għan-nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieg ikunu saru l-aktar bil-ħila tal-attriċi u dan minn data illi tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

“4. Taffida lill-attriċi l-kura u l-kustodja taż-żewġ minuri A.B. u C.D..

“5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b’opera ta’ perit nominand.

“6. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’żewġ porzjonijet mhux neċessarjament ugwali.

“7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att ta’ diviżjoni relattiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

“8. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attriċi fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, l-oġġetti parafernali tagħha nkluż flus, *stocks*, *shares*, deheb u ħaġar prezzjuz, u fin-nuqqas tikkundannah iħallas lill-attrici l-valur tagħhom kif jiġi hekk likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

“9. Tordna lill-attriċi tgħix esklussivament fid-dar konjugali u ċioe` numru ghoxrin (20), Triq Alexandra, Bormla.

“10. Tawtorizza lill-attriċi illi tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

“Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li jgib id-data 14 ta’ Settembru 2007, li in forza taghha eccepixxa illi;

“1. Illi preliminarjament, diġa` hemm pendenti quddiem din il-Qorti proċeduri ta’ separazzjoni bejn il-

kontendenti fl-ismijiet inversi liema proċeduri jinsabu fi stadju avvanzat u differiti għas-26 ta’ Ottubru 2007 (Cit. Nru. 158/06 JA) u kwindi dawn il-proċeduri għandhom jimxu flimkien ma’ dik il-kawża.

“2. Illi bla preġudizzju u fil-mertu, l-esponenti ma jopponix għall-ewwel talba *purche*` illi s-separazzjoni tiġi ppronunzjata minħabba tortijiet imputabbli solament lill-attriċi jew *in pessima ipotesi* minħabba inkompatibbilta` ta’ karattru.

“3. Illi l-esponenti jopponi għall-manteniment għat-tfal *stante* li dawn għandhom sittax-il sena u sbatax-il sena rispettivament u t-tnejn li huma jaħdmu. L-esponent pero` jopponi illi jkun hemm kundanna ta’ manteniment għall-attriċi u dan *stante* illi kienet hi li tat lok għall-firda kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta’ din il-kawża.

“4. Illi l-esponent jopponi għat-tielet talba u anzi s-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati biss fil-konfront tal-attriċi.

“5. Illi huwa ma jopponix għar-raba’ talba dwar kura u kustodja *purche*` illi jkun hemm aċċess adegwat favur tiegħu.

“6. Illi huwa ma jopponix għall-ħames, sitt, seba’ u t-tmien talbiet.

“7. Illi huwa jopponi għad-disa’ talba *stante* illi l-kreditu parafernali favur tiegħu huwa sostanzjali u *inoltre stante* illi t-tort tal-firda hija biss imputabbli lill-attriċi.

“8. Illi huwa ma jopponix għall-għaxar talba.

“9. Illi din il-kawża ġiet intavolata mill-attriċi inutilment in vista ta’ dak sottomess fl-ewwel eċċezzjoni hawn fuq u għalhekk l-esponent m’għandux jiġi kkundannat iħallas spejjeż ta’ dawn il-proċeduri.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta’ April 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi qalet hekk:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b’tort tal-partijiet indaqs;

“2. Tilqa’ t-tieni talba billi filwaqt li l-kustodja tal-minuri C.D. tkun affidata f’idejn il-attriċi, il-konvenut ikollu aċċess liberu;

“3. Tiċħad it-tielet talba;

“4. Tikkonferma l-konklużjoni tal-kawża fl-ismijiet inversi deċiża llum stess, u ċioe` li tordna lill-konvenut iħallas manteniment ta’ disgħin Ewro (€90) fil-ġimgħa lill-attriċi u għaxar Ewro (€10) fil-ġimgħa għall-minuri *rebus sic standibus* (sakemm din tagħlaq tmintax-il sena);

“5. Tordna li ssir il-qasma bejn il-fond 19 u 20 taħt is-superviżjoni tal-AIC Mario Cassar (spejjeż fir-rigward jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti indaqs) b’dan li l-fond numru 19 jiġi assenjat lill-konvenut u l-fond numru 20 lill-attriċi ; il-garaxx numru 21 fl-istess triq jiġi ritonat lill-attriċi bħala beni parafernali; kull parti tiġi assenjata l-kontijiet bankarji f’isimha u jekk hemm xi kontijiet flimkien jinqasmu fi kwoti ndaqs bejniethom; tordna li l-vettura Lada tiġi assenjata lill-konvenut u dik Skoda lill-attriċi;

“6. Għall-iskop tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tinnomina lin-Nutar Alexander Sciberras Trigona u l-Avukat Dottor Charmaine Galea bħala kuratriċi tal-kontumaċi u l-istess att għandu jiġi pubblikat fl-edifiċju tal-Qorti fid-data li tiffissa l-Qorti stess fuq talba tan-Nutar nominand jew xi ħadd mill-partijiet.

“7. Tiċħad it-talbiet l-oħra mhux kompatibbli ma’ dak indikat qabel.

“8. Tilqa’ l-għaxar talba.

“L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku ndaqs bejn il-partijiet.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi kif ġia` ingħad l-attriċi qed jitlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f’xulxin għal dan. Il-konvenut fil-fatt ippropona huwa stess kawża oħra li qed tigi deċiża llum ukoll. Minkejja li l-kawża kienet kontestata ħafna għall-inqas fejn jirrigwardja t-tfal (anke għaliex ġia` huma adolexxenti u wieħed minnhom sar maġġorenni fil-mori tal-kawża) ma kienx hemm wisq kuntrast. Għalhekk apparti t-tort ta’ min tfarrak iż-żwieġ il-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u l-manteniment li l-konvenut għandu jħallas. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f’paragrafi għalihom.

**“TORT**

“Il-*konvenut* fl-affidavit tiegħu jgħid li *jien u l-mara qatt ma qbilna u kellna ħafna argument tul iż-żwieġ kollu* u jsemmi diversi kwistjonijet li kienu nqalgħu; jgħid li ftit xhur wara ż-żwieġ martu ġriet warajh b’sikkina. Isostni li għalkemm għadu jgħix id-dar iħossu mbeżża’ u jgħid li ħu l-attriċi Charles Spiteri qed jimbuttaha biex tissepara minn miegħu. Jaċċetta li t-tfal għandhom ikunu fil-kustodja ta’ martu iżda *stante* l-eta’ tagħhom li jkollu aċċess liberu għalihom. Kien dispost iħallas manteniment ta’ għoxrin lira Maltin (Lm20) fil-ġimgħa għat-tfal. Skond l-attriċi l-inkwiet beda mil-ewwel lejl taż-żwieġ għaliex skond hi, lanqas biss ħares lejha. Ċaħdet li hedditu bis-sikkina u tat verżjoni differenti ta’ dak l-inċident. Issemmi xi inċidenti oħra li ħafna drabi jibdew fuq ħaġa żgħira u mbagħad jikbru.

“Wara li eżaminat il-provi, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali f’dan l-aspett billi tikkondividi l-konklużjoni tagħha illi l-partijiet it-tnejn jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u l-Qorti żżid li jidher ċar li kien hemm inkompatibbilta` estrema bejniethom li daħħlithom f’*sistema costanti di vessazione e di disprezzo, di*

*oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile l'abitazione e la vita comune`".* **("Caterina Agius v. Benedict Agius" –** Prim Awla 13 ta' Ġunju 1967). Billi ma saritx kontro-talba t-tort tal-attur ma hux fundament għall-akkoljiment tat-talba għall-pronunzjament tas-separazzjoni iżda naturalment il-Qorti tieħdu in konsiderazzjoni fir-rigward tat-talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili li l-Qorti se tiċħad. Dan *oltre* l-fatt li l-attur ippropona huwa wkoll kawża għal separazzjoni li naturalment trid tiġi deċiża a bażi ta' dawn il-konklużjonijiet.

**"KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

"Fil-mori tal-kawża l-minuri A.B. sar maġġorenni u għalhekk il-Qorti se tipprovdi fuq il-minuri C.D. billi tassenja l-kura u kustodja lill-attriċi kif m'hemmx kontestazzjoni li jsir, u takkorda lill-konvenut aċċess liberu.

**"QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

"Il-Qorti fil-kawża l-oħra li qed tiġi deċiża llum stess ikkonkludiet hekk fir-rigward:

*""Il-punt kontenzjuż ħafna f'dawn il-proċeduri kien il-konsistenza tal-assi tal-komunjoni u kif għandhom jiġu maqsuma. Oltre dan il-konvenut qed jinsisti wkoll li għandu dejn ta' sitt elef Lira ma' ħuh u qed jitlob li dan jiġi meħud in konsiderazzjoni. Il-Qorti pero' taqbel ma' dak li ssottomettiet l-attriċi li hija (il-Qorti) ma għandhiex tieħu konjizzjoni ta' dan l-allegat kreditu. Jekk il-kreditur imsemmi jidhirlu li għandu jaġixxi huwa għandu jagħmel dan fuq inizjattiva tiegħu.*

*"Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti l-ikbar problema hija jekk għandhomx jinbiegħu ż-żewġ proprjetajiet 19 u 20, li ġew akkwistati separatament fiż-żwieġ. Garaxx bin-numru 21 fl-istess triq huwa proprjeta` parafernali tal-attriċi u ġie mniffed magħhom. Il-Qorti ma tħossx li jekk tordna l-bejgħ tal-fondi 19 u 20 se ssolvi l-problema tal-partijiet, anzi jkunu qed jissograw li jsibu ruħhom bla dar għaliex huwa*

*problematiku kif se jsibu fejn joqogħdu bir-rikavat (li jkollu jinqasam). Dan għaliex il-valur intier tal-proprjeta` huwa circa mija u erbat elef Ewro (€104,000) u naturalment ma hemmx ċertezza ta' xejn li jista' jinġieb dan il-prezz permezz tas-subasta. Kwindi il-Qorti se tassenja t-terran numru 20 lill-attriċi u l-meżżanin 19 lill-konvenut. Dan jista' jsir għaliex il-fondi niffduhom il-partijiet u għalhekk jistgħu jerġgħu jsiru żewg fondi. Billi t-terran imiss mal-garaxx ikun aħjar li dan jibqa' miegħu peress li kif ġia` ngħad il-garaxx huwa proprjeta` parafernali tal-attriċi.*

*"Il-konvenut qed jirreklama affarijiet oħra. Qed jitlob li jiġi kompensat għax-xogħol li għamel hu fil-garaxx numru 21 imsemmi. Fil-fatt l-ewwel ippreżenta rikors (wara li kien ġia` ġie redatt ir-rapport tal-perit legali) fejn talab li ssir stima tal-valur tal-fond fis-sens li tiġi valutata ż-żieda fil-valur tiegħu għaliex skond hu din iż-żieda tinkwadra taħt l-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili bħala frott tal-beni parafernali li għandu jidħol fil-komunjoni. Il-Qorti ċaħdet it-talba stante li l-provi kienu ġia` magħluqa iżda irriservatlu d-dritt li jressaq provi dwar spejjeż li seta' għamel. Iżda wara li ppreżenta affidavit il-Qorti laqgħet it-talba għall-isfilz tiegħu permezz ta' digriet tal-5 ta' Dicembru 2008 għall-istess raġuni. Għalhekk il-konvenut ma ressaq ebda prova fir-rigward u t-talba tiegħu ma tistax tintlaqa'*.

*"Fir-rigward imbagħad tal-qliegħ mill-bejgħ ta' proprjeta` li kien xtara qabel iż-żwieġ (il-bejgħ sar matul iż-żwieġ) il-Qorti ma tarax kif tista' tieħu konjizzjoni tagħhom għaliex ma hemm ebda prova ta' x'sar minnhom dawn il-flus. Il-konvenut ma ġabx prova kif intefqu u f'hiex. Probabbilment nefaqhom għax kellu bżonn jonfoqhom – jista' jkun nefaqhom fuq il-familja jew biex jixtri l-proprjetajiet li jifformaw il-komunjoni. Madankollu in mankanza ta' prova ta' fejn jinsabu jew f'hiex intefqu l-Qorti ma tistax tordna lill-attriċi tħallas il-valur tal-qliegħ li sar.*

*"Fir-rigward tad-depożiti bankarji dawn tant huma minimi li jkun aħjar li kif issuġġeriet il-perit legali, kull parti żżomm il-kontijiet li huma f'isimha u jinqasmu dawk bi sħab a skans ta' problemi oħra.*

"Din il-kawża naturalment trid tirrifletti dak deċiż fil-kawża l-oħra b'dan li r-riferenza għall-attur ġiet mibdula għall-konvenut filwaqt li kull referenza għall-konvenuta ġiet mibdula għall-attriċi f'din il-kawża.

**"MANTENIMENT**

"Hawnhekk il-Qorti ddeċidiet illi:

*""Fil-bidu tal-kawża peress li t-tfal kienu t-tnejn minorenni l-Qorti kienet iddekretat ħlas ta' disgħin Lira Maltin (Lm90) kull ħmistax li eventwalment ġie ridott għal tmienja u tletin Lira Maltin (Lm38) fil-gimgħa (imqassam hamsa u għoxrin lira Maltin (Lm25) għall-attriċi u tlettax-il Lira Maltin (Lm13) għall-minuri. Il-Qorti għar-raġunijiet ġia` msemmija ma tarax għaliex l-attriċi għandha tiġi privata mill-manteniment. Il-perit legali ssuġġeriet ħlas ta' disgħa u sittin Ewro u disgħin ċenteżmu (€69.90) fil-gimgħa; il-Qorti tirrimarka wkoll li l-minuri li baqa' wkoll waslet biex issir maġġorenni u għalhekk biex tevita iktar litigazzjoni fir-rigward se tordna li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi disgħin Ewro (€90) fil-gimgħa għall-attriċi u għaxar Ewro (€10) fil-gimgħa għall-minuri u l-manteniment għall-istess minuri għandu jieqaf kif appena din tagħlaq tmintax-il sena; salv naturalment kull dritt tal-istess minuri skond il-liġi fir-rigward. L-attriċi tipperċepixxi pensjoni żgħira għall-invalidita` u naturalment f'każ li din tieqaf għal xi raġuni, jibqagħlha dejjem id-dritt li titlob awment in vista tal-bdil fiċ-ċirkostanzi tagħha. Il-Qorti taqbel ukoll li dak li qal l-attur fir-rigward tal-qliegħ tiegħu m'huwa affidabbli xejn."*

"A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tadotta dawn il-konklużjonijiet f'din il-kawża."

Rat ir-rikors tal-appell tal-kovenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti u dan:

"......billi thassar, tirrevoka u tikkancella paragrafi erbgha (4), hamsa (5), sebgha (7) u tmienja (8) tad-decide, ossia dawk il-paragrafi li jitrattaw il-manteniment, il-qsim tal-

komunjoni tal-akkwisti, it-talba ghall-bejgh b'licitazzjoni tad-dar matrimonjali u t-talba ghar-restituzzjoni tal-proprjeta` parafernali jew il-valur tieghu rispettivament, u minflok tordna s-segwenti:

"i) Rigwardanti t-tieni talba tordna illi l-appellant ghandu jhallas biss manteniment ghat-tifla minuri u tichad it-talba ghall-manteniment versu l-appellata, jew, minghajr pregudizzju, f'kaz illi din il-Qorti thoss illi huwa gustifikat illi jkun hemm manteniment pagabbli wkoll lill-appellata allura tordna lill-appellant ihallas manteniment ridott ta' tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) fil-gimgha lill-attrici u ghaxar Ewro (€10) fil-gimgha ghall-minuri *rebus sic standibus* (sakemm din taghlaq tmintax-il sena);

"ii) il-fond 19 u 20 Alexandra Street, Cospicua ghandu jinbiegh b'licitazzjoni u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti wara li l-appellant jithallas l-ammont ta' €52,993.24 (ossia €22,711.39 u €22,711.39 kif hawn fuq spjegat),

"iii) il-garaxx numru 21 fl-istess triq jigi ritornat lill-attrici bhala beni parafernali; kull parti tigi assenjata l-kontijiet bankarji f'isimha u jekk hemm xi kontijiet flimkien jinqasmu fi kwoti indaqs bejniethom; tordna li l-vettura Lada tigi assenjata lill-konvenut u dik Skoda lill-attrici;

"iv) tikkonferma l-kumplament tas-sentenza."

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-konvenut appellant u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewgu fil-15 ta' Awwissu 1988, mil-liema zwieg kellhom zewgt itfal, li t-tnejn issa saru maggorenni. Il-partijiet jattribwixxu r-ragun tal-falliment taz-zwieg lil xulxin u fil-fatt il-konvenut f'din il-kawza, fetah hu wkoll kawza ta' separazzjoni kontra martu (Rikors guramentat numru 158/06) fejn qed jitlob li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bi htijiet addibitati lill-martu. L-ewwel Qorti semghet iz-zewg kawzi kontestwalment u ikkonkludiet li z-zewg partijiet jahtu f'sehem indaqs ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Il-Qorti, wara, ipprovdiet ghall-kura u l-kustodja tal-minuri, itterminat u llikwidat l-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-partijiet, u ordnat lill-konvenut ihallas €90 fil-gimgha bhala manteniment ghall-attrici u €10 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri sakemm din taghlaq it-tmintax-il sena. L-istess provvedimenti nghataw fil-kawza l-ohra istitwita mir-ragel kontra l-mara.

Miz-zewg kawzi appella r-ragel, konvenut f'din il-kawza u attur fl-ohra. Hu ressaq bazikament tliet ilmenti u cioe` (i) li l-ewwel Qorti skartat il-pretensjoni tieghu ta' kreditu parafernali kontra l-komunjoni, (ii) li l-ewwel Qorti ma akkreditatux b'nofs iz-zieda fil-valur ta' proprjeta` parafernali tal-mara, liema zieda fil-valur sehh bil-hidma tieghu; (iii) li l-manteniment lill-martu ghandu jonqos jew sahansitra jispicca.

Peress li r-ragel ressaq dawn l-istess ilmenti fl-appell li hu ressaq kontra s-sentenza li l-ewwel Qorti tat fil-kawza istitwita minnu, il-Qorti sejra titratta l-ilmenti fil-kawza minnu istitwita u tqishom applikabbli wkoll ghal din il-kawza.

Kif inghad, din il-Qorti ttrattat dawn l-aggravji fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi (Rikors guramentat numru 158/06) u laqghet biss in parte l-istess aggravji.

A skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet u motivazzjonijiet taghha fil-

kawza l-ohra, li ghandhom jitqiesu li japplikaw ukoll ghal fini ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut appellant, billi tilqa’ l-istess biss in parte, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, kif ipprovdiet fil-kaz rikors nru. 158/06 tirriforma biss ir-raba’ decide fis-sens li tordna lill-konvenut ihallas €60 fil-gimgha (flok €90 kif stabbilit l-ewwel Qorti( bhala manteniment ghall-attrici.

Filwaqt li l-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, dawk ta’ din it-tieni istanza ghandhom jithallsu kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attrici appellata, u tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------